MALTA

# QORTI TAL-APPELL

**(Sede Inferjuri)**

**ONOR. IMĦALLEF**
**LAWRENCE MINTOFF**

Seduta tal-20 ta' Novembru, 2024

Appell Inferjuri Numru 13/2024 LM

**Avukat Dottor Luigi A. Sansone LL.B, (Hons.), LL.D (detentur tal-karta tal-identità numru 0258269 ittra M), bħala mandatarju speċjali ta' FFAUF ITALIA S.P.A. kumpannija estera organizzata taħt il-liġijiet tal-Italja bin-numri uffiċjali tal-*VAT* 04881520268, fiskali 94107780267 u *REA (Reperto Economico Amministrativo)* TV-412567, u b'indirizz ta' *via Castellana*, *34, 1-31039 Riese Pio X,* Italja, skont prokura li vera kopja tagħha tinsab hawn annessa u mmarkata bħala dokument bl-ittra 'A'**

*('l-appellant nomine')*

***vs.***

**Kontrollur tal-Proprjetà Industrijali**

*('l-appellat')*

(Wara d-deċiżjoni tal-Kontrollur tal-Proprjetà Industrijali fil-mori ta' proċed-imenti pendenti dwar oppożizzjoni ta' applikazzjoni għar-reġistrazzjoni tat-*trademark* numru 64971 ZARA, riferenza uffiċjali ta' oppożizzjoni numru 154)

**Il-Qorti,**

**<u>Preliminari</u>**

1. Dan huwa appell magħmul mir-rikorrent nomine **l-Avukat Dottor Luigi A. Sansone LL.B (Hons.), LL.D (detentur tal-karta tal-identità numru 0258269 ittra M) bħala mandatarju speċjali ta' FFAUF ITALIA S.P.A., kumpannija estera organizzata taħt il-liġijiet tal-Italja bin-numri uffiċjali tal-*VAT* 04881520268, fiskali 94107780267 u *REA (Repertorio Economico Amministrativo)* TV-412567, u b'indirizz ta' *via Castellana, 34, 1-31039 Riese Pio X*, Italja, skont prokura li vera kopja tagħha tinsab hawn annessa u mmarkata bħala dokument bl-ittra 'A'**, [minn issa 'l quddiem 'l-appellant nomine'], mid-deċiżjoni mogħtija mill-Kontrollur tal-Proprjetà Industrijali [minn issa 'l quddiem 'l-Kontrollur appellat'], li permezz tagħha l-Kontrollur appellat akkorda lis-soċjetà INDUSTRIA DE DISENO TEXTIL, S.A., li hija kumpannija terza għall-fini ta' dawn il-proċeduri [minn issa 'il quddiem 'il-kumpannija terza'] estensjoni ta' disgħin (90) jum sabiex hija tirreaġixxi għall-oppożizzjoni tar-rikorrent nomine skont ir-Regola 40 tar-Regoli dwar it-*Trademarks* (L.S. 597.04) fil-kuntest tal-applikazzjoni tat-*trademark* 'ZARA', numru 64971.

**<u>Fatti</u>**

2. Ir-rikorrent nomine, fir-rikors tal-appell tiegħu, spjega li l-kumpannija terza applikat għar-reġistrazzjoni ta' *trademark* fit-30 ta' Settembru, 2022. Spjega li fil-15 ta' Settembru, 2023, huwa ressaq Avviż ta' Oppożizzjoni quddiem il-Kontrollur appellat *ai termini* tal-artiklu 50(1) tal-Kap. 597 tal-Liġijiet ta' Malta,

u *ai termini* tar-regola 38 tal-Avviż Legali 50 tal-2021, għar-reġistrazzjoni fir-reġistru tat-*Trademarks* ta' Malta tat-*trademark* numru 64971 'ZARA'. Ir-rikorrent nomine spjega li din l-oppożizzjoni għadha pendenti, u l-appell odjern tiegħu jittratta biss aspetti proċedurali in konnessjoni mal-Proċedura ta' Oppożizzjoni. Kompla jgħid li kemm l-Avviż ta' Oppożizzjoni kif ukoll il-pagament tal-ispejjeż uffiċjali relattivi fl-ammont ta' €100, saru fi żmien utili, jiġifieri entro t-terminu ta' disgħin jum mid-data tal-pubblikazzjoni tat-*trademark application* in kwistjoni fl-*IP Online Journal* ta' Malta, kif stabblit fil-liġi. Qal li l-proċedura ta' oppożizzjoni tqieset bħala waħda legalment ammissibbli min-naħa tal-Kontrollur appellat, li min-naħa tiegħu għadda sabiex fit-28 ta' Settembru, 2023, innotifika lill-applikanta bl-Avviż ta' Oppożizzjoni intavolat mir-rikorrent nomine, u għarrafha li fi żmien disgħin jum mit-28 ta' Settembru, 2023, hija setgħet (i) tirtira l-applikazzjoni; jew (ii) tirrestrinġi l-oġġetti kontra l-applikazzjoni; jew (iii) tippreżenta kontro-dikjarazzjoni kontra l-oppożizzjoni u kwalunkwe evidenza ta' sostenn u dikjarazzjoni motivata fuq il-bażi, il-fatti u l-argumenti fir-rigward tagħha. L-appellant nomine qal li għalhekk l-applikanta kellha sas-27 ta' Diċembru, 2023 sabiex tipproċedi skont wieħed minn dawn il-modi ssuġġeriti mill-Kontrollur appellat stess, u fin-nuqqas, l-applikazzjoni kellha titqies abbandunata. L-appellant nomine qal li l-artikolu 50(2) tal-Kap. 597 jipprovdi għal sitwazzjoni waħda biss fejn il-partijiet fi proċedimenti ta' oppożizzjoni għal reġistrazzjoni ta' *trademark application* jistgħu jressqu talba konġunta minħabba l-possibilità ta' tranżazzjoni bejniethom, u huwa biss f'din l-eventwalità li l-perijodu disponibbli lil xi applikanta debitament innotifikata b'avviż ta' oppożizzjoni sabiex tipproċedi skont kif indikat, għandu jiġi injorat stante proċedura diversament regolata u li tippermetti flessibilità bit-terminu

stipulat fil-liġi. L-appellant nomine qal li dan ifisser li fin-nuqqas ta' talba konġunta bejn l-appellant nomine u l-applikanta skont l-artikolu 50(2) tal-Kap. 597, din tal-aħħar kellha tosserva terminu perentorju impost fil-liġi sussidjarja relattiva, li għalaq fis-27 ta' Diċembru, 2023. Qal li f'każ ta' talba konġunta bejn l-appellant nomine u l-applikanta skont l-artikolu 50(2) tal-Kap. 597, allura ma jkunx hemm terminu applikabbli, u f'każ li avviż ta' qbil amikevoli ma jiġix ippreżentat fi żmien għoxrin ġurnata mid-data tal-għeluq id-disgħin ġurnata ta' xogħol indikati, jitqies li l-parti li qed topponi qed iżżomm l-oppożizzjoni, u b'hekk il-każ imur għad-deċiżjoni tal-Kontrollur appellat. L-appellant nomine spjega ulterjorment li, bir-riformi fl-Avviż Legali 69 tal-2023, din il-proċedura inbidlet, u l-applikant ikollu terminu ta' disgħin jum mid-data tal-għeluq tad-disgħin ġurnata tax-xogħol u l-għoxrin jum addizzjonali (Regola 40(6)(d)(i) tal-L.S. 597.04).

3. L-appellant nomine spjega li fil-każ odjern ma kien hemm l-ebda talba konġunta bejn l-appellant nomine u l-applikanta skont l-artikolu 50(2) tal-Kap. 597. Qal li wara li għalaq it-terminu fis-27 ta' Diċembru, 2023, fid-29 ta' Jannar, 2024, l-appellant nomine kiteb lill-Kontrollur appellat sabiex jingħata aġġornament dwar il-każ, u dakinhar stess l-Uffiċċju tal-Kontrollur appellat weġibha illi: "*Kindly note that a deadline extension has been approved by this office after being requested by the applicant. New deadline for TM64971 is 27/04/2024.*"

4. L-appellant nomine spjega li huwa kiteb lill-Kontrollur appellat sabiex dan jikkonferma (a) jekk fl-ewwel lok, huwiex iqis l-applikazzjoni tat-*trademark* opposta numru 64971 bħala abbandunata; (b) fit-tieni lok jiddeċiedi li qiegħed

jipproċedi minnufih sabiex jikkomunika Deċiżjoni Uffiċjali ta' abbandun tal-applikazzjoni tat-*trademark* opposta numru 64971 lill-applikant u lill- appellant nomine li qiegħda topponi; u (ċ) fit-tielet lok li qiegħed jipproċedi sabiex jagħlaq l-Oppożizzjoni Numru 154 u jimmarka uffiċjalment l-applikazzjoni tat-*trademark* opposta numru 64971 bħala 'Rifjutata'. L-appellant nomine qal li fl-20 ta' Frar, 2024, huwa irċieva komunikazzjoni mingħand l-appellat li l-estensjoni rispettiva kienet ingħatat *ai termini* tar-Regolament 82(1) tar-Regoli tat-*Trademark* L.S. 597.04, li jgħid:

> "The Comptroller may, at the request of the person or party concerned or at the Comptroller's own initiative extend a time or period prescribed by these Rules or a time or period specified by the Comptroller for doing any act required or authorised by the Act. Any extension under this sub-rule shall be made subject to such conditions as the Comptroller may direct: Provided that a request for extension under this rule shall be made before the time or period in question has expired."

5. L-appellant nomine qal li huwa ħass ruħhu aggravat b'din id-deċiżjoni tal-Kontrollur appellat, li ġiet notifikata lilu fl-20 ta' Frar, 2024, u fil-fatt hija din l-estensjoni li tifforma l-mertu tal-appell odjern. Qal li fil-każ odjern ma kien hemm l-ebda talba konġunta bejn l-appellant nomine u l-applikanta, fir-rigward tal-applikazzjoni tat-*trademark* opposta numru 64971 skont l-artikolu 50(2) tal-Kap. 597, u l-Kontrollur appellat ma kellu ebda jedd jakkolji talba unilaterali li saritlu min-naħa tal-applikanta. L-appellant qal li mad-dekors tat-terminu perentorju ta' disgħin jum mid-data tan-notifika tal-applikanta tal-avviż ta' oppożizzjoni tat-*trademark* opposta numru 64971, huwa kellu, stante li l-applikanta ma intraprendiet ebda waħda mit-toroq disponibbli għaliha taħt ir-regola 40(1) tal-Avviż Legali 50 tal-2021, (i) jew iqis din l-applikazzjoni tat-

*trademark* opposta bħala 'abbandunata' *ai termini* tar-regola 40(7) tal-Avviż Legali 50 tal-2021; (ii) jew jikkomunika d-Deċiżjoni Uffiċjali ta' Abbandunament tal-applikazzjoni tat-*trademark* opposta numru 64971 lill-applikant u lill-appellant nomine bħala l-parti li qed topponi; (iii) jew jagħlaq l-Oppożizzjoni Numru 154 u jimmarka uffiċjalment l-applikazzjoni tat-*trademark* opposta numru 64971 bħala 'Rifjutata'. L-appellant nomine qal li huwa ħassu aggravat ukoll għaliex is-setgħat u d-diskrezzjonijiet mogħtija fir-Regolament 82(1) tal-Avviż Legali 50 tal-2021 in vigore fir-rigward ta' dan il-każ, assolutament ma japplikawx għall-fattispeċje ta' dan il-każ, u dan billi fl-ewwel dawn għandhom jiġu interpretati b'mod subordinat għal dak li tipprovdi l-liġi prinċipali, li fl-artikolu 50(2) tal-Kap. 597 tippermetti lill-applikanta debitament notifikata bl-Avviż ta' Oppożizzjoni perkors alternattiv jew ċirkostanza waħda biss fejn tista' tinjora l-obbligi tagħha altrimenti eżistenti taħt ir-regola 40(1)(a) sa (ċ) tal-Avviż Legali 50 tal-2021; u fit-tieni lok id-dispożizzjonijiet tal-liġi sussidjarja qatt ma kienu intiżi jew infassla sabiex jiġu applikati f'każ bħal dak odjern. L-appellant nomine qal li in linea preliminari, l-provi dokumentarji annessi mar-rikors tal-appell tiegħu huma materjal li kien diġà f'idejn il-Kontrollur appellat qabel ħareġ id-deċiżjoni tiegħu tal-20 ta' Frar, 2024. L-appellant nomine qal li l-partijiet kontendenti ma kienu ressqu ebda talba konġunta quddiem il-Kontrollur appellat kif indikat fl-artikolu 50(2) tal-Kap. 597. Hawnhekk l-appellant nomine għamel riferiment għar-regola 40(6)(a) tal-Avviż Legali 50 tal-2021, li tgħid li din it-talba m'għandhiex issir wara li jiskadi l-perijodu ta' disgħin (90) jum mid-data tan-notifika mill-Uffiċju tal-Kontrollur, tal-oppożizzjoni lill-applikant, u qal li għalhekk il-liġi sussidjarja qiegħda in sintonija perfetta mal-liġi primarja, u tenfasizza l-ħtieġa għal talba konġunta. L-appellant qal li ma hemm ebda jedd

min-naħa tal-Kontrollur appellat li jintitolah jakkolji talba unilaterali li saritlu min-naħa tal-applikanta f'ċirkostanzi bħal dawn, u hawnhekk *si tratta* ta' terminu perentorju regolat mir-regoli 40(1) u (7) tal-Avviż Legali 50 tal-2021. L-appellant nomine qal li l-liġi prinċipali tirrikjedi fl-artikolu 50(2) tal-Kap. 597, li huwa biss f'ċirkostanzi ta' talba konġunta għaliex ikun hemm il-possibilità ta' ftehim amikevoli jew tranżazzjoni bejn il-partijiet kontendenti, li hija proċedura alternattiva għal dik imfassla fir-regola 40(1)(a) sa (ċ) tal-Avviż Legali 50 tal-2021, li tista' tiġi intrapriża mingħajr il-konsegwenza ta' abbandun tat-*trademark application* li dwarha tkun ġiet istitwita l-oppożizzjoni. Qal ukoll li huwa ċar li sad-dekors tat-terminu ta' disgħin jum mid-data tan-notifika tal-avviż ta' oppożizzjoni tat-*trademark* opposta numru 64971 lill-applikanta, din ma intraprendiet l-ebda waħda mit-toroq disponibbli skont ir-regola 40(1)(a) tal-Avviż Legali 50 tal-2021, u għalhekk l-appellat kellu jipproċedi billi jew iqis l-applikazzjoni 'abbandunata', jew jikkomunika d-Deċiżjoni Uffiċjali ta' abbandun tal-applikazzjoni tat-*trademark* opposta lill-applikant u lill-appellant nomine fil-kwalità ta' 'parti li qed topponi'; u jagħlaq l-oppożizzjoni billi jimmarka uffiċjalment l-applikazzjoni tat-*trademark* opposta numru 64971 bħala 'Rifjutata'. L-appellant nomine qal li bil-komunikazzjoni tal-20 ta' Frar, 2024, l-appellat għamel 'att' li bih esprima d-deċiżjoni tiegħu li ma jipproċedix b'dan il-mod, u huwa għalhekk li issa qiegħed isir dan l-appell.

6. Dwar it-tieni aggravju, l-appellant nomine qal li fl-ewwel lok is-setgħat u d-diskrezzjonijiet mogħtija fir-regola 82(1) tal-Avviż Legali 50 tal-2021, *in vigore* fir-rigward ta' dan il-każ, għandhom jiġu interpretati b'mod subordinat għal dak li tipprovdi l-liġi prinċipali, li tippermetti lill-applikant notifikat perkors

alternattiv f'ċirkostanza waħda biss, jiġifieri dik kkontemplata fit-tieni sub-artikolu tal-artikolu 50 tal-Kap. 597. Qal li fit-tieni lok, dawk id-dispożizzjonijiet tal-liġi sussidjarja qatt ma kienu intiżi jew imfassla sabiex jiġu applikati f'każ bħal dak odjern. L-appellant nomine qal li huwa minnu li r-regola 82(1) tal-Avviż Legali 50 tal-2021 tipprovdi li l-Kontrollur jista', fuq talba tal-persuna jew parti kkonċernata, jew fuq inizjattiva tal-Kontrollur stess, jestendi ż-żmien preskritt b'dawn ir-regoli bil-kundizzjoni li talba għal estensjoni skont din ir-regola ssir qabel jiskadi ż-żmien jew il-perijodu in kwistjoni, imma dik id-dispożizzjoni tal-liġi ma tistax tiġi interpretata b'mod li jmur kontra d-dettami tal-liġi prinċipali. L-appellant nomine qal li kien hemm intervent parlamentari fil-leġislazzjoni prinċipali, li tagħmilha ċara li l-uniku perkors differenti li applikanta debitament innotifikata tista' tintraprendi b'mod li ma jwassalx għall-abbandun tal-applikazzjoni għal reġistrazzjoni tat-*trademark* opposta tagħha, huwa dak tar-rikjesta konġunta skont kif indikat fl-artikolu 50(2) tal-Kap. 597. Qal li dik l-impożizzjoni tal-liġi prinċipali, trasposta mill-artikolu 43(3) tad-Direttiva 2015/2436 tas-16 ta' Diċembru, 2015 biex jiġu approssimati liġijiet tal-Istati Membri dwar it-*trademarks,* ma tammetti ebda deroga, u għalhekk dispożizzjoni ta' liġi sussidjarja ma tistax tiġi interpretata b'mod konfliġġenti magħha.

7. L-appellant nomine insista li r-regola 82(1) tal-Avviż Legali 50 tal-2021, qatt ma għandha tiġi interpretata fis-sens li tapplika fil-kuntest tat-termini applikabbli fir-rigward ta' applikant debitament notifikat b'Avviż ta' Oppożizzjoni, u jekk ikun mod ieħor jinħoloq kaos totali għaliex proċediment ta' oppożizzjoni jkun jista' jiġi stultifikat b'mod perenni u irrimedjabbli, bl-

applikanta debitament innotifikata li jkollha l-opportunità titlob unilateralment u bil-barka tal-Kontrollur appellat, u tikseb estensjonijiet b'mod infinit, għas-sempliċi raġuni li l-Kontrollur ikollu s-setgħa jagħmel hekk skont ir-regola 82(1) tal-Avviż Legali 50 tal-2021. Qal li huwa għalhekk li r-regola 82(1) qatt ma tista' tintuża fir-rigward tal-proċedura ta' oppożizzjoni. L-appellant nomine saħaq li meta r-regola 82(1) tal-Avviż Legali 50 tal-2021 tipprovdi li *"Il-Kontrollur jista', fuq talba tal-persuna jew tal-parti kkonċernata jew fuq l-inizjattiva tal-Kontrollur stess jestendi żmien jew perijodu preskritt b'dawn ir-regoli, jew żmien jew perijodu speċifikat mill-Kontrollur biex issir kwalunkwe azzjoni meħtieġa jew awtorizzata mill-Att"*, dan għandu jiġi intiż għall-użu dwar l-aħjar amministrazzjoni ta' ħwejjeġ regolati mill-Kap. 597 u t-termini preskritti bil-leġislazzjoni sussidjarja, b'mod li dawk tal-aħħar ma jikkonfliġġux ma' dawk tal-ewwel. Qal li t-termini preskritti b'regoli fl-Avviż Legali 50 tal-2021 li jirrigwardaw ħwejjeġ li jmorru lil hinn mill-proċedura ta' oppożizzjoni għal reġistrazzjoni ta' *trademark,* u li ma jinvolvux kunflitt potenzjali ma' dispożizzjonijiet tallllliġi kontenuti fil-Kap. 597, huma diversi, per eżempju r-regoli 5(3), 7(1), 7(2), 8, 10(2), 10(5), 10(6) u 23(3), u huwa hawnhekk fejn ir-regola 82(1) tkun tista' tiġi, u fil-fatt tiġi adoperata b'suċċess mill-Kontrollur appellat.

8. In vista ta' dan kollu, l-appellant talab lil din il-Qorti jogħġobha tħassar u tirrevoka d-deċiżjoni tal-Kontrollur tal-Proprjetà Industrijali tal-20 ta' Frar, 2024, dwar ir-rifjut tal-pożizzjoni tal-appellant nomine, u minflok tgħaddi biex tilqa' dan l-appell, u tordna lill-Kontrollur appellat jipproċedi sabiex (a) fl-ewwel lok, iqis l-applikazzjoni tat-*trademark* opposta bħala 'abbandunata' *ai termini* tar-

regola 40(7) tal-Avviż Legali 50 tal-2021; (b) fit-tieni lok, jikkomunika d-Deċiżjoni Uffiċjali ta' abbandunament tal-applikazzjoni tat-*trademark* opposta numru 64971 kemm lill-applikant kif ukoll lill-appellant nomine fil-kapaċità tiegħu ta' 'parti li qed topponi'; (ċ) u fit-tielet lok, jagħlaq l-Oppożizzjoni Numru 154 u jimmarka uffiċjalment l-applikazzjoni tat-*trademark* opposta numru 64971 bħala 'Rifjutata'.

**Ir-Risposta tal-Kontrollur appellat**

9. Il-Kontrollur appellat wieġeb li l-appellant nomine jibbaża l-appell tiegħu fuq żewġ aggravji, u senjatament, (a) li l-Kontrollur ma kellux is-setgħa jakkolji t-talba unilaterali li saritlu minn INDUSTRIA DE DISENO TEXTIL, S.A. sabiex jiġi estiż it-terminu ta' disgħin jum skont l-artikolu 50(2) tal-Kap. 597; u (b) li r-Regola 82(1) tar-Regoli dwar it-*Trademarks,* u s-setgħat u d-diskrezzjonijiet mogħtija lill-Kontrollur appellat, ma japplikawx għall-fattispeċi tal-każ odjern. Qal li l-ebda waħda minn dawn l-aggravji ma jimmeritaw li jiġu milqugħa, imma qabel jindirizza dawn l-aggravji, irid iressaq xi eċċezzjonijiet ta' natura preliminari.

10. Fl-ewwel eċċezzjoni preliminari tiegħu, il-Kontrollur appellat qal li l-appell intavolat mill-appellant nomine huwa *fuori termine.* Qal li l-komunika tiegħu tal-20 ta' Frar, 2024 kienet l-aħħar komunika li huwa għamel mal-appellant nomine rigward il-mertu ta' dan l-appell, u dan sabiex jirrispondi għall-ilmenti tal-appellant nomine. Kompla jgħid li l-appellant nomine kien ilu li ġie mgħarraf bid-deċiżjoni tal-estensjoni taż-żmien li issa qiegħed jappella minnha, mid-29 ta' Jannar, 2024, kif jirriżulta mill-korrispondenza esebita mar-rikors tal-appell. Il-

Kontrollur appellat kompla jgħid li l-artikolu 100(1) tal-Kap. 597 jistabbilixxi terminu ta' ħmistax-il jum sabiex tiġi appellata d-deċiżjoni tal-Kontrollur, u dan it-terminu jibda jiddekorri mid-data tan-notifika ta' dik id-deċiżjoni. Qal li t-terminu impost fl-artikolu 100(1) tal-Kap. 597, huwa wieħed perentorju u mhux ta' preskrizzjoni, għaliex il-liġi ma tużax il-kelma 'preskrizzjoni' jew kliem ieħor li jitnissel minn din il-kelma. Il-Kontrollur appellat qal li t-terminu huwa wieħed ta' ordni pubbliku u ma jistax jiġi interrott, u qal li minkejja li l-korrispondenza bejn l-appellant nomine u l-Kontrollur appellat baqgħet għaddejja sal-20 ta' Frar, 2024, dan xorta waħda m'għandux l-effett li jinterrompi d-dekadenza tal-ħmistax-il jum, li bdew jiddekorru fid-29 ta' Jannar, 2024. Qal li għalhekk l-appell tal-appellant nomine għandu jitqies li huwa null, stante li ġie ppreżentat *fuori termine.*

11. Fit-tieni eċċezzjoni preliminari tiegħu, l-appellat qal li d-deċiżjoni tiegħu li jakkorda estensjoni ta' żmien lis-soċjetà INDUSTRIA DE DISENO TEXTIL, S.A., hija deċiżjoni li ngħatat fil-konfront ta' din is-soċjetà, u għalhekk tolqot primarjament lilha. Spjega li l-appellant nomine mhuwiex qiegħed jitlob lill-Qorti tordna lill-Kontrollur jipprosegwi bil-proċedura tal-oppożizzjoni, iżda qiegħda titlob lill-Kontrollur appellat jiġi ordnat iqis li l-applikazzjoni tal-kumpannija terza ġiet abbandunata, u li jimmarka uffiċjalment l-applikazzjoni tagħha għat-*trademark* bħala 'rifjutata'. L-appellat qal li l-ġudizzju ma jistax ikun integru f'dan ir-rigward ladarba s-soċjetà INDUSTRIA DE DISENO TEXTIL, S.A. mhijiex parti minn dawn il-proċeduri. Qal ukoll li l-Qorti ma tista' tagħti ebda ordni li tkun tolqot l-interessi tas-soċjetà terza, mingħajr ma tippreġudika d-drittijiet tagħha.

12. B'riferiment għat-tieni aggravju li t-terminu ta' disgħin jum fir-Regola 40 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 597.04 huwa wieħed perentorju, u għalhekk mhux wieħed li jista' jiġi estiż jew interrott, il-Kontrollur appellat qal li ma jagħmel l-ebda sens li wieħed jittenta jiddefinixxi kwalunkwe terminu fi proċeduri amministrattivi bħala wieħed 'perentorju'. Qal li mill-ġurisprudenza joħroġ ċar li terminu 'perentorju' japplika għal terminu sabiex jiġi eżerċitat kwalunkwe dritt ta' azzjoni quddiem il-Qrati, bħal ma huwa d-dritt li jitressaq appell. Qal li ladarba l-każ odjern jittratta proċess amministrattiv quddiem il-Kontrollur appellat, u ċertament mhux l-eżerċizzju ta' xi dritt ta' azzjoni quddiem il-Qrati, in-nozzjoni tal-'perentorjetà' lanqas biss tqum. Qal li minn dan isegwi, li dak li jista' jiddetermina l-mertu ta' dan l-appell huwa biss jekk il-liġi tagħtix is-setgħa jew id-diskrezzjoni lill-Kontrollur li jestendi xi terminu fil-proċess amministrattiv ġestit minnu.

13. B'riferiment għall-ewwel aggravju tal-appellant nomine, l-appellat qal li huwa minnu li fil-każ odjern ma saritx talba konġunta, imma mhuwiex minnu li l-artikolu 50(2) tal-Kap. 597 huwa l-unika dispożizzjoni tal-liġi li tippermetti xi estensjoni fil-perijodi li jirregolaw il-proċess ta' oppożizzjoni. L-appellat għamel riferiment għar-Regola 82(1) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 597.04, li tgħid hekk:

> "Il-Kontrollur jista', fuq talba tal-persuna jew tal-parti kkonċernata jew fuq l-inizjattiva tal-Kontrollur stess jestendi żmien jew perijodu preskritt b'dawn ir-regoli jew żmien jew perijodu speċifikat mill-Kontrollur biex issir kwalunkwe azzjoni meħtieġa jew awtorizzata mill-Att. Kwalunkwe estensjoni skont din is-subregola għandha tkun soġġetta għal dawk il-kundizzjonijiet li l-Kontrollur jista' jidderieġi:
>
> Iżda talba għal estensjoni skont din ir-regola għandha ssir qabel ma jiskadi ż-żmien jew il-perijodu in kwistjoni."

14. L-appellat qal li t-terminu ta' disgħin jum huwa preskritt bir-Regola 40(1) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 597.04, u allura skont id-diċitura espressa tad-dispożizzjoni ċċitata, il-Kontrollur għandu s-setgħa li jestendih. Qal li fil-każ odjern, it-talba għall-estensjoni saret qabel l-iskadenza tad-disgħin jum preskritt taħt ir-Regola 40(1) tal-L.S. 597.04, u dan kif jirriżulta mir-rikjesta għall-estensjoni li għamlu r-rappreżentanti tal-applikant tat-*trademark* opposta fis-7 ta' Diċembru, 2023. Il-Kontrollur appellat qal li l-applikanta tat-*trademark* opposta infurmatu li kienet fi ħsiebha tissottometti kontro-dikjarazzjoni skont ir-Regola 40(1)(ċ) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 597.04. Qal li l-artikolu 50(2) tal-Kap. 597 qatt ma kien in kwistjoni fil-każ odjern, għaliex meta huwa għażel li jippermetti l-estensjoni tal-perijodu ta' disgħin jum għall-benefiċċju tal-applikanta, huwa straħ fuq ir-Regola 82(1) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 597.04, kif ġie kkomunikat lill-appellant nomine. Il-Kontrollur appellat qal li ladarba t-terminu ta' disgħin jum ġie legalment estiż, l-effetti tar-Regola 40(1) tal-L.S. 597.04 ma jseħħux qabel l-iskadenza tat-terminu kif estiż mill-Kontrollur appellat bis-saħħa tar-Regola 82(1) tal-L.S. 597.04, u mhux kif jgħid l-appellant nomine mal-iskadenza tad-disgħin jum. Qal ukoll li l-objettiv tal-liġi tat-*trademarks* jintilef li kieku wieħed kellu jintilef f'dawn l-aggravji li ma jolqtux is-sustanza tad-deċiżjoni jekk *trademark* għandhiex tiġi reġistrata jew le, imma huma eżerċizzju ta' *trawling* biex tinqabad xi ħaġa sabiex tiġi attakkata l-applikazzjoni għat-*trademark* akkost ta' kollox.

15. B'riferiment għat-tieni aggravju tal-appellant nomine, il-Kontrollur appellat qal li ma jeżisti l-ebda kunflitt bejn is-setgħa tal-Kontrollur li jestendi l-limiti ta' żmien taħt ir-Regola 80(2) tal-L.S. 597.04 min-naħa, u l-possibilità ta'

talba konġunta għal skopijiet ta' ftehim amikevoli taħt l-artikolu 50(2) tal-Kap. 597 min-naħa l-oħra. Qal ukoll li l-artikolu 50(2) tal-Kap. 597 lanqas biss jipprovdi estensjoni tal-limiti taż-żmien *per se*, u l-effetti tiegħu huma pjuttost is-sospensjoni tal-proċess ta' oppożizzjoni bl-intiża speċifika li l-partijiet jittentaw jilħqu ftehim amikevoli. Qal li r-Regola 82(1) tal-L.S. 597.04 tipprovdi għal estensjonijiet fil-limiti taż-żmien preskritt fir-regoli, li mhuwiex kunfliġġenti, u li wara kollox jista' jkun it-terminu ta' disgħin jum ta' xogħol preskritt bl-artikolu 50(2) li jintalab li jiġi estiż. Il-Kontrollur appellat qal li r-Regola 82(1) tal-L.S. 597.04 u l-artikolu 50(2) tal-Kap. 597, ma jkoprux l-istess affarijiet, għaliex din tal-aħħar hija mekkaniżmu ta' sospensjoni speċjali li tintuża biss f'każ fejn il-partjiet jittentaw jilħqu ftehim amikevoli, imma għall-kuntrarju r-Regola 82(1) tal-L.S. 597.04 hija aktar wiesgħa għaliex tħalli fid-diskrezzjoni tal-Kontrollur li jiddeċiedi jekk estensjoni ta' kwalunkwe żmien jew perijodu hijiex mistħoqqa.

16. Fit-tielet lok, il-Kontrollur appellat saħaq li jekk huwa minnu dak li jgħid l-appellant nomine li l-unika 'estensjoni' permissibbli fil-proċess tal-oppożizzjoni, hija dik tal-artikolu 50(2) tal-Kap. 597, wieħed jiddubita x'inhu l-punt tar-Regola 82(1) tal-L.S. 597.04, jekk dan ma jistax japplika għall-proċedura ta' oppożizzjoni. Il-Kontrollur appellat qal li l-artikolu 50(3) tal-Kap. 597 jipprovdi li l-Ministru jista' jagħmel regolamenti fir-rigward ta' kull aspett rilevanti għall-proċedura ta' oppożizzjoni, u dan ifisser li r-Regola 82(1) tal-L.S. 597.04 maħruġa permezz ta' liġi sussidjarja, ma tistax titqies li qed tmur kontra l-Att prinċipali jekk dan tal-aħħar jippermetti li l-proċedura ta' oppożizzjoni tkun regolata b'liġi sussidjarja. Qal ukoll li d-Direttiva 2015/2436 tħalli f'idejn l-Istati Membri sabiex

ifasslu r-regoli proċedurali dwar il-proċess ta' oppożizzjoni quddiem ir-regolaturi rispettivi tagħhom. Il-Kontrollur appellat qal li anki t-tielet argument tal-appellant nomine huwa infondat, għaliex is-suġġeriment li dan ser iwassal għal estensjonijiet *ad aeternum* huwa wieħed assurd, għaliex il-fatt li l-Kontrollur għandu d-diskrezzjoni jakkorda estensjonijiet għal-limiti ta' kwalunkwe żmien preskritt, ma jfissirx li l-Kontrollur jista' jabbuża minn dik id-diskrezzjoni.

**<u>Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti</u>**

17. Din il-Qorti sejra tgħaddi sabiex tikkunsidra l-aggravji mressqa mill-appellant nomine fir-rikors tal-appell tiegħu, u dan fid-dawl tad-deċiżjoni appellata, u tas-sottomissjonijiet magħmula mill-Kontrollur appellat. Imma qabel ma tgħaddi għall-konsiderazzjonijiet tagħha dwar il-mertu tal-appell intavolat mill-appellant nomine, il-Qorti sejra tiddeċiedi l-eċċezzjonijiet preliminari mqajjma mill-Kontrollur appellat, li fl-ewwel lok eċċepixxa li l-appell intavolat mill-appellant nomine huwa *fuori termine,* u fit-tieni lok qal li l-ġudizzju mhuwiex integru għaliex b'dak li qiegħed jintalab mill-appellant nomine, ser tiġi affettwata kumpannija terza li mhijiex parti f'dawn il-proċeduri tal-appell.

18. Il-Kontrollur appellat jgħid li l-appell tal-appellant nomine ġie intavolat *fuori termine,* wara li skada l-perijodu stabbilit fil-liġi ta' ħmistax-il jum mid-deċiżjoni tiegħu. Il-Kontrollur appellat qal li l-appellant nomine kien ilu jaf mid-29 ta' Jannar, 2024 bid-deċiżjoni fejn ingħatat estensjoni lill-applikanta, imma dan l-appell ġie intavolat ferm wara l-iskadenza ta' ħmistax-il jum minn dik id-deċiżjoni. L-artikolu 100 tal-Kap. 597 fil-fatt jistipula illi:

"(1) Deċiżjoni tal-Kontrollur taħt dan l-Att tista' tiġi appellata quddiem il-Qorti tal-Appell magħmul bil-mod li hemm provdut fis-subartikolu (9) tal-artikolu 41 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili b'rikors fi żmien ħmistax-il ġurnata min-notifika tad-deċiżjoni tal-Kontrollur.

(2) Għall-għanijiet tas-subartikolu (1) "deċiżjoni" tfisser kull att, ħlief għal dawk l-attijiet li jistgħu jiġu preskritti b'regolamenti, li jsiru mill-Kontrollur fit-twettiq ta' diskrezzjoni vestita fih b'dan jew taħt dan l-Att.

..."

19. Waqt it-trattazzjoni quddiem il-Qorti, ingħad li l-appellant nomine sar jaf bid-deċiżjoni tal-Kontrollur appellat li l-kumpannija terza tingħata estensjoni, wara li huwa kien indaga u talab informazzjoni dwar l-andament tal-proċedura ta' oppożizzjoni tiegħu, u dan permezz ta' *email* mibgħuta lilu fl-20 ta' Frar, 2024. Imma mid-dokumenti esebiti in atti, jirriżulta li fid-29 ta' Jannar, 2024, l-appellant nomine bagħat *email* lill-uffiċċju tal-Kontrollur appellat fejn b'riferiment għall-kwistjoni mertu ta' dan l-appell qal: *"I should be very grateful to receive an update on this matter."* Fl-istess ġurnata, jiġifieri fid-29 ta' Jannar, 2024 stess, Christa Caruana, mill-uffiċċju tal-Kontrollur appellat wieġbet: "*Kindly note that a deadline extension has been approved by this office after being requested by the applicant. New deadline for TM64971 is 27/04/2024."*

20. Wara li rċieva din l-informazzjoni, l-appellant nomine ma rreaġixxa bl-ebda mod, sakemm imbagħad fid-9 ta' Frar, 2024, huwa bagħat *email* mill-ġdid lill-Kontrollur appellat, fejn infurmah li kien qiegħed jopponi għall-pożizzjoni li ħa l-Kontrollur appellat li jagħti l-estensjoni mitluba, u l-appellant nomine għamel riferiment għad-diversi dispożizzjonijiet tal-liġi ċċitati minnu fir-rikors tal-appell tiegħu. Imbagħad fl-20 ta' Frar, 2024, il-Kontrollur appellat wieġeb

għall-*email* tal-appellant nomine billi infurmah li d-deċiżjoni li tingħata l-estensjoni ttieħdet *ai termini* tar-Regola 82(1) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 597.04. L-appellant nomie susssegwentement intavola appell minn dik id-deċiżjoni. Kemm fir-rikors tal-appell tiegħu, kif ukoll waqt it-trattazzjoni quddiem il-Qorti, l-appellant nomine insista li huwa qiegħed jappella mid-deċiżjoni kkomunikata lilu fl-20 ta' Frar, 2024, u li għalhekk ir-rikors tal-appell tiegħu huwa entro t-terminu stipulat fil-liġi. Però jirriżulta li l-komunikazzjoni tal-20 ta' Frar, 2024 hija biss spjegazzjoni tad-deċiżjoni kkomunikata lill-appellant nomine fid-29 ta' Jannar, 2024, u kien fid-29 ta' Jannar, 2024 li l-appellant ġie mgħarraf l-ewwel darba bl-estensjoni li ngħatat lill-kumpannija terza. Ladarba l-appellant nomine ħassu aggravat bl-għoti tal-imsemmija estensjoni, u bil-mod kif il-Kontrollur appellat uża d-diskrezzjoni mogħtija lilu bil-liġi sabiex akkorda estensjoni ta' żmien lis-soċjetà terza, l-appellant kellu jintavola r-rikors tal-appell tiegħu fi żmien ħmistax-il jum minn meta huwa ġie nnotifikat b'dik id-deċiżjoni. Waqt it-trattazzjoni tiegħu l-appellant nomine qal li huwa sar jaf b'dan biss b'mod informali u wara li kien huwa stess li talab l-informazzjoni. Dan bl-ebda mod ma jimpinġi fuq il-limitu ta' żmien impost mil-leġislatur f'każijiet fejn persuna trid tappella wara li tħossha aggravata b'kull att imwettaq mill-Kontrollur fit-twettiq tad-diskrezzjoni mogħtija lilu bil-liġi. L-għoti tal-estensjoni mitluba mill-applikanta, kien proprju mod kif il-Kontrollur eżerċita d-diskrezzjoni mogħtija lilu, u għalhekk japplika t-terminu perentorju ta' ħmistax-il jum mill-komunika ta' dik id-deċiżjoni, f'każ li parti interessata tħoss li għandha tressaq appell. Dan ifisser li r-rikors tal-appell tal-appellant nomine huwa *fuori termine,* hekk kif jirriżulta li r-reazzjoni tal-appellant nomine tad-9 ta' Frar, 2024, setgħet faċilment kienet fil-forma ta' rikors tal-appell quddiem

din il-Qorti minflok fil-forma ta' numru ta' talbiet lill-Kontrollur appellat, li f'dak il-punt kien ilu li ħa d-deċiżjoni tiegħu. Għaldaqstant, in vista ta' dawn il-konsiderazzjonijiet, din il-Qorti sejra tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tar-rikors tal-appell tal-appellant nomine peress li dan ġie intavolat *fuori termine.*

**Decide**

**Għar-raġunijiet premessi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi dwar l-appell odjern billi tiċħdu, hekk kif jirriżulta li dan hu *fuori termine.***

**L-ispejjeż ta' dan l-appell huma a karigu tal-appellant nomine.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**